


Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex il-ħajja umana tkun rispettata u protetta fil-fażijiet kollha tagħha, u titqies bħala rigal minn Alla.

**Qari:** *Diskors ta' Papa Leone XIV lill-Korp Diplomatiku – Jannar 2026*

Fid-dawl ta' din il-viżjoni profonda tal-ħajja bħala rigal li għandu jiġi apprezzat, u tal-familja bħala l-gwardjan responsabbli tagħha, nirrifjutaw kategorikament kull prattika li tiċħad jew tisfrutta l-oriġini tal-ħajja u l-iżvilupp tagħha. Fost dawn hemm l-abort, li jinterrompi ħajja li se titwieled u jirrifjuta d-don tal-ħajja. F'das-sens, is-Santa Sede tesprimi t-tħassib kbir tagħha dwar proġetti maħluqin biex jiffinanzjaw mobbiltà bejn fruntiera u oħra bl-għan li jitħaffef dak li qed isejħulu "sigurtà fid-dritt tal-abort" u tirrifjuta kategorikament li riżorsi pubbliċi jintefqu biex tintemm il-ħajja, minflok ikunu investiment biex iwieżen lill-ommijiet u lill-familji. L-għan ewlieni għandu jibqa' dejjem il-ħarsien ta' kull tarbija fil-ġuf u s-sapport effettiv u konkret lil kull mara biex tkun tista' tilqa' l-ħajja.
..... Kunsiderazzjonijiet simili jistgħu jiġu estiżi għall-morda u għal dawk li huma anzjani jew iżolati, li xi kultant ibatu biex isibu raġuni għala għandhom ikomplu jgħixu. Is-soċjetà ċivili u l-Istati għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jwieġbu b'mod konkret għal sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, billi joffru soluzzjonijiet għat-tbatija umana, bħall-kura paljattiva, u jippromwovu politika ta' solidarjetà awtentika, aktar milli jinkoraġġixxu għamliet qarrieqa ta' kompassjoni bħalma hi l-ewtanasja.

Mulej tiegħi u Alla tiegħi, inti l-Ħallieq tal-univers kollu!
Jien nagħrfek bħala s-sid tiegħi u sid il-ħlejjaq kollha.
Mulej, il-bniedem sar jaħseb li jaf u jifhem f'kollox,
li m'għadx għandu bżonnok għax sar għaref biżżejjed
u jaħseb li jista' jiddeċiedi hu x'inhu l-aħjar għalih.
Nitolbuk, Mulej, sabiex taħfer l-arroganza u s-suppervja tal-bniedem,
li wasal saħansitra biex jaħseb li għandu s-setgħa
biex jiddeċiedi min għandu jgħix u lil min għandu jtemmlu ħajtu.

Sar jaħseb li għandu s-setgħa fuq il-ħajja u fuq il-mewt.
Ħafna mill-gvernijiet madwar id-dinja qegħdin jipproponu
l-abort u l-ewtansja bħala xi ħaġa li hi dritt taċ-ċittadin,
u li għandhom jinkluduhom fil-liġijiet tal-pajjiż.
Mhux ta' b'xejn li l-Papa talabna biex nitolbu
sabiex il-ħajja umana tkun rispettata u protetta
fil-fażijiet kollha tagħha, u titqies bħala rigal minn Alla.
Mulej, aħfrilna għax ħafna saru jaħsbu
li dak li mhux komdu għalihom jew
li joħolqilhom xi tip ta' skumdità jew inkonvenjenza,
għandu jitwarrab jew, wisq iktar tal-biża',
għandu jinqered minn wiċċ id-dinja,
u dan jippreżentawh bħala dritt.
Mulej, għallimna nagħrfu li kull persuna hija rigal mingħandek,
tkun xi tkun is-sitwazzjoni jew stadju tal-ħajja tagħha.
Nitolbuk sabiex tagħtina l-għajnuna biex nifhmu li int waħdek
għandek il-qawwa li tagħti l-ħajja, u li int tifforma
lil kull wieħed u waħda minna fil-ġuf ta' ommna.
Nitolbuk, Mulej, sabiex tagħti d-dehen lill-bniedem
sabiex jifhem li hu għandu d-dmir li jipproteġi l-ħajja,
u li m'għandux dritt li joqtol il-ħajja umana fl-ebda stadju tagħha.
Agħmel, nitolbuk Mulej, li naħdmu biex nipproteġu l-ħajja
f'kull stadju tagħha u biex inħarsu lejn il-ħajja
bħala ħolqa importanti għall-bini ta' soċjetà aħjar.
Għinna nifhmu li l-qerda tal-ħajja
m'għandha qatt tkun is-soluzzjoni,
u li l-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja
hi fundamentali għal kull dritt ieħor tal-bniedem.
Mulej, għamilna strumenti tal-paċi u tal-ħniena tiegħek
f'din id-dinja, li spiss tinsa l-valur tal-ħajja.
Imliena bil-Ispirtu Qaddis tiegħek
sabiex aħna nħarsu l-ħolqien tiegħek,
nirrispettaw il-ħajja umana
u nipproteġuha fil-fażijiet kollha tagħha.

Agħtina l-kuraġġ biex naħdmu bla heda
għall-protezzjoni ta' kull ħajja u biex noħolqu kultura tal-ħajja
fejn kull persuna tiġi milqugħa, apprezzata u protetta.

**KANT**

**Qari**: *Diskors tal-Papa Leone waqt laqgħa mal-membri tal-Parlament Spanjol f'Madrid – Ġunju 2026*

Fuq din il-bażi, illum, irrid ngħid kelma serena u deċiża lil dawk li għandhom ir-responsabbiltà gravi li legalment iġibu l-ordni fil-konvivenza soċjali. Dil-konvivenza hija mhedda "mill-kultura tal-iskart", kif osserva kemm-il darba l-Papa Franġisku (cfr Diskors lill-Assemblea Plenarja tal-Akkademja Pontifiċja għall-Ħajja, 27 ta' Settembru, 2021). F'das-sens, jekk il-ħajja ma tibqax titqies bħala valur fundamentali, liema futur jista' jkollhom is-soċjetajiet tagħna? Tista' titqies ġusta komunità li tinjora lit-tarbija mhux imwielda, lill-anzjan, lill-marid, lil min qed isofri fis-skiet jew min jiddependi għal kollox mill-attenzjoni tal-oħrajn? Id-difiża tal-ħajja umana mhix kwistjoni ta' interessi partikolari u lanqas konfessjonali: hi għan taċ-ċiviltà. Kull ħajja umana għandha tingħata għarfien u tkun imħarsa mill-konċepiment sat-tmiem naturali tagħha, f'kull ċirkostanza tal-eżistenza tagħha. Meta din iċ-ċertezza tiċċajpar, l-ewwel vittmi jkunu l-aktar vulnerabbli u l-liġi titlef it-tifsira l-aktar profonda tagħha: li sservi u tħares lil kull persuna. Għaldaqstant, il-kobor morali ta' nazzjon, aktar minn kollox, jidher mill-ħila li għandu li jakkumpanja, jipproteġi u jħobb il-ħajjiet l-aktar immarkati bi fraġilità.

Mulej, ġejna quddiemek b'qalb mimlija gratitudni
għall-imħabba kbira tiegħek u għar-rigal prezzjuż tal-ħajja.
Aħna lkoll ulied ta' missier wieħed u għalhekk aħna lkoll aħwa.
Għinna ħalli nkunu kapaċi niċċelebraw
id-diversità tal-ħolqien tiegħek
u biex inkunu strumentali biex noħolqu dinja,
fejn kull ħajja hija apprezzata u rispettata.

Agħtina d-dehen sabiex naraw is-sabiħ f'kull persuna,
biex nirrispettaw ir-rwol tagħhom fis-soċjetà.
u biex nuru ħniena u kompassjoni ma' kulħadd.
Mulej, inti d-dawl li jdawwal fid-dlam,
agħtina l-kuraġġ li ma nħallux id-dlam tal-kultura tal-mewt
jitnissel fi qlubna, u biex ma nimxux mal-kurrent
u nkunu responsabbli tal-qerda ta' ħajjiet innoċenti.
Għinna niddefendu l-ħajja ta' kull persuna f'kull stadju.
Ħeġġeġ f'qalbna sentimenti li japprezzaw ir-rigal tal-ħajja,
ħalli b'hekk inħarsu lil dawk li l-ħajja tagħhom hija l-iktar vulnerabbli.
Agħtina l-kuraġġ biex naħdmu bla heda
biex nipproteġu kull ħajja, u biex nibnu dinja
fejn kull persuna tiġi milqugħa, apprezzata u protetta.
Mulej, għamilna strumenti tal-paċi u tal-ħniena tiegħek
f'din id-dinja li spiss tinsa l-valur tal-ħajja.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Mulej, nitolbu sabiex il-komunitajiet madwar id-dinja jħaddnu l-valuri ta' mħabba, empatija u solidarjetà ma' min hu vulnerabbli, u jirrikonoxxu l-valur ta' kull bniedem.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Missier, iftaħ qalbna għall-imħabba tiegħek, sabiex inħarsu lil dawk li għad iridu jitwieldu, nindukraw lil dawk vulnerabbli, u nappoġġjaw lil dawk li jkunu qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet diffiċli. Agħtina l-kuraġġ li naġixxu b'ġustizzja, u li naħdmu bla heda għall-protezzjoni ta' kull ħajja.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, għall-ommijiet li qed jiffaċċjaw tqala mhux mistennija, biex isibu l-appoġġ u l-għajnuna mill-komunitajiet tagħhom u jagħżlu l-ħajja għal uliedhom li għad m'għandhomx leħen.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu għal dawk li qed jiffaċċjaw il-feriti emozzjonali tal-abort, biex isibu fejqan, maħfra u paċi permezz tal-imħabba u l-ħniena ta' Kristu.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu għal dawk li jaħdmu fl-industrija tal-abort u l-ewtanasja, sabiex qalbhom tkun miftuħa għad-dinjità ta' kull persuna u b'hekk isalvaw il-ħajja u mhux jeqirduha.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk biex timliena bil-kuraġġ ħalli nitkellmu għan-nies mingħajr vuċi, u biex nuru kompassjoni, ħalli nieħdu ħsieb lill-aktar dgħajfa. Agħtina l-għerf biex nibnu dinja fejn kull ħajja tiġi aċċettata u protetta.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, inti Alla tal-ġustizzja. Nitolbuk sabiex iddawal bl-għerf tiegħek lil dawk li ġew fdati bit-tmexxija fil-komunitajiet u fin-nazzjonijiet tagħna. Agħtihom id-dehen biex jipproteġu d-dinjità ta' kull persuna, biex jiffurmaw liġijiet li jħarsu l-ħajja, u biex jinkoraġġixxu kultura ta' kompassjoni u rispett.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.